

Brussell, 11 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12712/23

EF 266
ECOFIN 849

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 505 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-konformità tal-Awtorità Bankarja Ewropea mar-rekwiżiti li jirrigwardaw il-post tas-sede tagħha

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 505 final.

Mehmuż: COM(2023) 505 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.9.2023
COM(2023) 505 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar il-konformità tal-Awtorità Bankarja Ewropea mar-rekwiżiti li jirrigwardaw il-
post tas-sede tagħha**

1 INTRODUZZJONI

Fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, matul il-Kunsill Affarijiet Ġenerali fl-20 ta' Novembru 2017 is-27 Stat Membru l-ieħor għażlu lil Pariġi, Franza, bħala s-sede l-ġdida tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, European Banking Authority)¹.

Il-post tas-sede tal-EBA huwa stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament ta' twaqqif tal-EBA² ("ir-Regolament EBA"), li għalhekk kellu jiġi emendat³ biex is-sede tiġi rilokata minn Londra għal Pariġi. Minbarra li mmodifikat il-post tas-sede, l-emenda għar-Regolament EBA introduċiet ċerti rekwiżiti ġodda rigward il-post tas-sede kif ukoll obbligu għall-Kummissjoni li tippubblika rapport sat-30 ta' Marzu 2019 u kull 12-il xahar wara dan dwar il-konformità tal-EBA ma' dawn ir-rekwiżiti.

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament EBA: *"Il-post tas-sede tal-Awtorità ma għandux jaffettwa l-eżekuzzjoni tal-kompiti u tas-setgħat tal-Awtorità, l-organizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tagħha, l-operat tal-organizzazzjoni prinċipali tagħha, jew il-finanzjament prinċipali tal-attivitajiet tagħha, filwaqt li jippermetti, fejn ikun applikabbli, l-kondiviżjoni ma' aġenziji tal-Unjoni ta' servizzi ta' appoġġ amministrattiv u ta' ġestjoni tal-faċilitajiet li ma jkunux relatati mal-attivitajiet ewlenin tal-Awtorità"*.

L-EBA pprovdiet il-kontribut meħtieġ biex tissodisfa dawn ir-rekwiżiti ta' rapportar. L-ewwel erba' rapporti ġew ippubblikati fl-2019⁴, fl-2020⁵, fl-2021⁶ u fl-2022⁷. Dan hu l-ħames rapport skont dan l-obbligu ta' rapportar.

2 FTEHM DWAR IL-KWARTIERI ĠENERALI TAL-EBA

Il-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali konkluż mal-Gvern Franċiż u ffirmat fis-6 ta' Marzu 2019, ġie adottat mill-*Assemblée nationale* fis-17 ta' Frar 2022. Il-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali ġie approvat mis-Senat fid-19 ta' Lulju 2022 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali Franċiż fit-30 ta' Lulju 2022.

Minbarra r-rekwiżiti tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea⁸, il-l-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali jintitola lill-membri tal-persunal tal-EBA għal permess ta' residenza speċjali FI (Fonctionnaire International), li jiċċertifika l-*istatus* tagħhom bħala impjegati internazzjonali taċ-ċivil fi Franza (applikabbli wkoll għall-membri tal-familja). L-EBA tinsab f'kuntatt mal-Uffiċċju tal-Protokoll tal-Ministeru Franċiż tal-Ewropa u l-Affarijiet Barranin u kif ukoll mal-

¹ Il-Kunsill Affarijiet Ġenerali (Art. 50), 20 ta' Novembru 2017:

<https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2017/11/20/european-banking-authority-to-be-relocated-to-city-country/>

² Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1717 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ĠU L 291, 16.11.2018, p. 1).

⁴ COM (2019) 451 final.

⁵ COM (2020) 317 final.

⁶ COM (2021) 771 final

⁷ COM (2022) 387 final

⁸ ĠU C 202, 7.6.2016, p. 266-272

awtoritajiet doganali Franċiżi biex tiggarrantixxi proċess bla xkiel fir-rigward tal-wasla tal-persunal u l-familji tagħhom fi Franza, il-provvediment ta' permessi ta' residenza speċjali, u l-applikazzjoni tal-privileġġi fiskali għall-EBA. Minn April 2023, 285 membru tal-persunal u tal-familja rċewew permessi ta' residenza speċjali, qed tiġi pproċessata applikazzjoni addizzjonali waħda u ġew irritornati 47 permess ta' residenza speċjali minħabba t-tmiem tal-impjeg.

L-Artikolu 9 tal-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali jeżenta lill-EBA mill-VAT imġarrba fuq spejjeż uffiċjali meta l-ammont tal-fattura mingħajr il-VAT ikun ta' aktar minn EUR 150. Fil-prattika, l-EBA qed tħallas il-VAT fuq l-akkwisti Franċiżi, u fuq l-akkwisti fejn tapplika l-iskema MOSS⁹ (VAT Mini One Stop Shop) u qed tirkupra din il-VAT mill-Gvern Franċiż. Sa April 2023, l-EBA kienet talbet rimborż għal EUR 4,934,565, li minnhom irċeviet EUR 4,569,424.

L-informazzjoni dwar l-Iskola Ewropea ta' Paris-La Défense f'Courbevoie ma nbidlitx fir-rigward tar-rapport preċedenti bl-eċċezzjoni tan-numru ta' tfal irregjistrati fl-iskola. Għas-sena skolastika 2022-2023, 32 tifel u tifla tal-membri tal-persunal tal-EBA ġew irregjistrati fl-iskola.

3 GOVERNANZA, OPERAZZJONIJIET U EŻEKUZZJONI TAL-KOMPITI TAL-EBA

Il-kompiti u s-setgħat tal-EBA, l-organizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tagħha, l-operat tal-organizzazzjoni prinċipali tagħha, u l-finanzjament prinċipali tagħha ma kinux affettwati mir-rilokazzjoni tas-sede tagħha. L-EBA ilha kompletament operattiva fl-uffiċċji l-ġodda tagħha f'Pariġi mill-bidu ta' Ġunju 2019.

Ir-rilokazzjoni tas-sede tal-EBA lejn Pariġi ma kellha l-ebda impatt fuq il-finanzjament ewlieni tal-attivitajiet tal-EBA mill-UE u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. B'mod separat għal dan il-finanzjament, il-gvern Franċiż qed jipprovdi EUR 8,5 miljun biex ikopri l-ispejjeż tal-uffiċċji ta' Pariġi. Dan il-finanzjament huwa maqsum bejn EUR 1,5 miljun għall-ispejjeż ta' installazzjoni, li diġà waslu u ntefqu, u EUR 7,0 miljun għall-ispejjeż tal-lokazzjoni li tinsab għaddejja, li għandhom jaslu matul id-disa' snin tal-lokazzjoni sabiex jittaffa l-impatt baġitarju. Sal-lum, l-EBA ffatturat u rċeviet EUR 6,225,000 skont dan il-ftehim.

Kondiviżjoni ta' servizzi ta' appoġġ amministrattivi ma' aġenziji oħra tal-Unjoni

L-EBA tikkoopera b'mod attiv mal-ESMA dwar kwistjonijiet amministrattivi, b'laqgħat regolari li jsiru bejn l-unitajiet amministrattivi ekwivalenti taż-żewġ aġenziji.

L-EBA ffirmat Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz mal-ESMA għall-forniment ta' servizzi kontabilistiċi, u l-EBA ilha minn Lulju 2021 tipprovdi dawn is-servizzi lill-ESMA. Iż-żewġ aġenziji jaqsmu s-servizzi tal-Uffiċjal tal-Kontabilità u tal-Assistent tal-Kontabilità tal-EBA biex b'hekk qed isir użu aktar effiċjenti tar-riżorsi. Il-Bord tat-Tmexxija tal-ESMA ħatar lill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-EBA bħala l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-ESMA b'effett mill-1 ta' Lulju 2021.

⁹ [Il-VAT fuq is-servizzi diġitali/il-MOSS:Liema servizzi huma koperti?L-Ewropa Tiegħek \(europa.eu\)](https://europa.eu)

L-EBA taħdem mill-qrib ma' aġenziji oħra tal-UE bbażati fi Franza fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist tagħhom, speċjalment mal-ESMA. It-tabella fl-Appendiċi tiġbor fil-qosor l-attività f'dan il-qasam. L-EBA u l-ESMA jipparteċipaw ukoll f'network ta' uffiċjali tal-akkwist ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bbażati f'Pariġi.

L-EMAS u l-ġestjoni ambjentali

Mill-2021' l hawn, il-koordinaturi ambjentali tal-EBA, l-ESMA u l-EIOPA jiltaqgħu regolarment, mill-inqas kull tliet xhur, biex jikkondividu dokumenti u l-aħjar prattiki ambjentali fl-oqsma tal-ġestjoni ambjentali, tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà u tal-implimentazzjoni tal-EMAS (Skema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali). Fil-11 ta' Awwissu 2022, l-EBA ġiet innotifikata li r-reġistrazzjoni tagħha fl-EMAS irnexxiet. It-tliet aġenziji jikkooperaw ukoll fin-Netwerk ta' aġenziji Ewropej għall-Ekoloġizzazzjoni. Barra minn hekk, f'Marzu u April 2023 ir-rappreżentanti tal-EBA u tal-ESMA pparteċipaw fl-awdituri interni tal-EMAS ta' xulxin bħala osservaturi.

Kondiviżjoni tal-faċilitajiet

F'Marzu 2023, is-CPVO¹⁰ għamel użu mill-kmamar tal-laqgħat tal-EBA għal jumejn ta' taħriġ tal-gruppi ta' esperti. L-EBA għamlet użu wkoll mill-faċilitajiet tal-ESMA għal laqgħat esterni. F'Marzu 2023, it-tliet ASE ffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-EBA u lill-EIOPA jikkondividu t-TESTA TAP¹¹ installata għall-ESMA fiċ-ċentru tad-*data* f'Aubervilliers.

Kollaborazzjoni oħra

Matul il-pandemija tal-COVID-19, l-EBA stabbiliet network mal-ESMA, l-Interpol, l-UNESCO, u l-OECD biex kull tliet xhur jiddiskutu l-modi ġodda ta' xogħol, tilqim, regoli dwar it-telexogħol, u kwistjonijiet komuni oħra.

Kooperazzjoni dwar proġetti konġunti tal-ASE

L-EBA, l-ESMA u l-EIOPA jaħdmu fuq proġett konġunt (immexxi mill-EIOPA) bl-objettiv li tiġi stabbilita sistema għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-idoneità u l-adegwatezza tad-detenturi ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti, diretturi, u detenturi ta' funzjonijiet ewlenin tal-parteeċipanti fis-swieq finanzjarji mill-awtoritajiet kompetenti.

It-tliet ASE qed jikkooperaw ukoll mill-qrib ħafna dwar it-tnejn għad-DORA¹² u l-MiCA¹³.

¹⁰ Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti

¹¹ Punt ta' Access Turnkey għas-Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet

¹² [Ir-Regolament \(UE\) Nru 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju \(ĠU L 333, 27.12.2022, p.1\).](#)

¹³ [Ir-Regolament \(UE\) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti \(UE\) Nru 1093/2010 u \(UE\) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u \(UE\) 2019/1937 \(ĠU L 150, 9.6.2023, p.40\)](#)

4 KONKLUŻJONIJIET

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, l-eżekuzzjoni min-naħa tal-EBA tal-kompiti u s-setgħat tagħha, l-istruttura ta' governanza tagħha, l-organizzazzjoni ewlenija tagħha, u l-finanzjament tal-attivitajiet tagħha ma ġewx affettwati mir-rilokazzjoni tas-sede tagħha lejn Pariġi u mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni amministrattiva mal-ESMA u l-EIOPA deskritti hawn fuq, li mhumiex relatati mal-attivitajiet ewlenin tal-EBA.

APPENDIĊI

Aġenzija ewlenija	Aġenziji parteċipanti	Proċedura	Stat
ESMA	EBA	Servizzi ta' konsulenza u akkoljenza dwar il-ġestjoni tal-faċilitajiet	Kuntratt qafas (Framework contract, FWC) iffirmat f' Mejju 2019
EBA	ESMA	Taħriġ u ttestjar tal-lingwi	FWC iffirmat f' Jannar 2020
ESMA	EBA	Konsulenza tal-ICT	FWC iffirmat f' ir-raba trimestru tal-2020
ESMA	EBA	Persunal interim	FWC iffirmat f' Novembru 2020
EBA	ESMA	Servizzi tal-ġestjoni tal-iskart	FWC iffirmat fi Frar 2021
EBA	CPVO ESMA	Provvista tal-elettriku	FWC iffirmat f' Mejju 2021
EBA		Pjanti u fjuri	FWC iffirmat f' Mejju 2021
EBA	ESMA + 9	Konsulenza dwar il-protezzjoni tad-data	FWC iffirmat f' Novembru 2021
EBA	ESMA, EUISS ¹⁴ , EUSPA ¹⁵	Servizzi mediċi	FWC iffirmat f' Diċembru 2021
EBA	ESMA, EIOPA	Servizzi ta' netwerk amministrati	FWC iffirmat f' Ġunju 2022
EBA	ESMA	Awditu estern tal-kontijiet annwali	Kuntratt iffirmat f' Ġunju 2022
ESMA	EBA, EIOPA	Żvilupp, manutenzjoni u appoġġ tal-applikazzjoni tal-IT	FWC iffirmat f' Jannar 2023
ESMA	EBA	Taħriġ fl-iżvilupp tal-ħiliet tekniċi	FWC iffirmat fi Frar 2023
EBA	CPVO	Provvista tal-elettriku	Firma ppjanata għat-tieni trimestru tal-2023
EBA	ESMA	Servizzi ta' konsulenza ta' appoġġ korporattiv	Firma ppjanata għat-tieni trimestru tal-2023

¹⁴ L-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà

¹⁵ L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali.

EBA	ESMA	Servizzi tat-tindif	Firma ppjanata għat-tielet trimestru tal-2023
EBA	ESMA	Taħriġ u ttestjar tal-lingwi	Firma ppjanata għat-tielet trimestru tal-2023
EBA	ESMA	Servizzi ta' komunikazzjoni strateġika u diġitali	Firma ppjanata għall-ewwel trimestru tal-2024